# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 23 ta' Gunju, 2021**

**Kawza Numru: 12**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 286/21 JVC**

**L-Avukat Dottor Kevin F. Dingli, fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti Yuyu Chen *sive* Yuyu Simon Chen li ghandu Passaport Malti bin-numru 1337599**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Kevin Dingli nomine kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent Yuyu Chen sive Yuyu Simon Chen, kif debitament rappresentat, twieled f'Bijiashan, fid-Distrett ta' Futian, fil-Provincja ta' Guangdong, ic-Cina fil-15 ta' Frar 2000, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tat-Twelid li jgib in-numru tar-registrazzjoni 440334048 mahrug fil-25 ta' Frar 2000 mill-Ministeru tas-Sahha tar-Republika tac-Cina, li kopja awtentika tieghu flimkien mat-traduzzjoni bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**YSC-1**" mal-affidavit tar-rikorrent hawn anness u mmarkat bhala Dokument **"B"**.

2. Illi mat-twelid u kif ma jirrizulta mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid, ir-rikorrent inghata l-isem ta' "Yinxian", u l-kunjom tieghu huwa "Chen".

3. Illi fit-28 ta' Marzu 2005, isem r-rikorrent gie mibdul minn 'Yinxian' ghal 'Yuyu'. It-talba ghal bidla fl-isem tar-rikorrent saret minn ommu, Yongxia Chen u dan kif jidher minn 'expired household register' li huwa dokument ufficjali maghruf bhala '**Household Register'** mahrug mill-Awtorijiet fic-Cina sabiex izommu record tal-istat tal-familja maz-zmien. Jigi spjegat li ma huwiex possibli li tingieb kopja awtentikata ta' dan id-dokument peress illi l-originali gie mehud mill-Awtoritajiet Cinizi meta omm ir-rikorrent, Yongxia Chen, flimkien mal-familja hargu mic-Cina biex marru jghixu gewwa Hong Kong. Kopja tal-Household Register flimkien mat-traduzzjoni bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**CY-2**" li giet annessa mal-affidavit ta' missier ir-rikorrent Yidan Chen bhala dokument immarkat **"Dok. C".** Dak iz-zmien it-tifel kellu erba' snin biss.

4. Illi ghal ragunijiet tradizzjonali u prattici prevalenti fit-territorju ta' Hong Kong bhala kolonja Ingliza precedenti, ir-rikorrent inghata wkoll isem Ingliz u cioe' "Simon". Ghal liema raguni, kif u meta dan sehh huwa dokumentat minn Yidan Chen missier ir-rikorrent stess fl-affidavit tieghu hawn anness u markat bhala Dokument **"C"**. Il-kontenut ta' dan l-affidavit gie ukoll ikonfermat bl-affidavit ta' omm ir-rikorrent Yongxia Chen, hawn anness u markat bhala Dokument **"Dok. D"**.

5. Illi fil-kaz odiern, ir-rikorrent kien tista tghid minn dejjem u konsistentement maghruf bl-isem "Yuyu Simon", skond ma anke' jirrizulta minn diversi certifikati mahruga gewwa Hong Kong ufficjali u anke fil-qasam edikattiv u sports. Difatti l-isem tar-rikorrent huwa indikat bhala "Yuyu Simon Chen" f'diversi dokumenti ufficjali, u cioe' kemm (i) fil-Hong Kong Permanent Identity Card bin-numru R937060(8) mahruga fir-rigward tieghu u li kopja awtentika taghha qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument '**CY-5'** ; kemm (ii) fis-Certificate of Registered Partriculars mahrug mid-Dipartiment tal-Immigrazzjoni – Hong Kong tat-28 ta' Gunju 2013 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument '**CY-6;** (iii) kemm fil-Passaport tieghu mahrug f' Hong Kong bin-numru KJ0642856 mahrug fl-24 ta' Ottubru 2017 li kopja awtentika tieghu qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument **'CY-7',** ilkoll esebiti mal-affidavit ta' missier ir-rikorrent anness u mmarkat bhala Dokument "**C**", kif ukoll (iv) fil-Criminal Record mahrug mill-Ufficju Municipali Pubbliku ta' Shenzhan datat 4 ta' Dicembru 2017 li kopja awtentika tieghu flimkien mat-traduzzjoni bl-ingliz qeghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument **'E';** kif ukoll (v) fic-Certifikat mahrug mill-Head of Secondary Chinese International School datat Gunju 2017 li kopja awtentika tieghu

hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"F";** u kemm (vi) fis-CIS Middle Years Programme Certificate mahrug mill-Headmaster of Secondary Chinese International School datat Gunju 2016 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**G",** u kemm (vii) fic-Certifikat mahrug mill-Interim Head of Secondary Chinese International School datat Dicembru 2017 li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**H;**

6. Illi fil-kaz odiern, stante illi gewwa Hong Kong ir-rikorrent fil-prattika kien qed jigi maghruf bhala Yuyu Simon, missieru Yidan Chen hass in-necessita' illi japplika ghall-hrug tal-karta tal-identita' tal-minuri rikorrent bl-isem ta' "Yuyu Simon", u l-Awtoritajiet kompetenti minn naha taghhom ipprocedew sabiex johorgu l-istess Karta' tal-Identita' li jgib in-numru R 937060 (8) bl-isem ta' "Yuyu Simon" skond kif jidher minn kopja awtentika tal-istess karta ta' l-identia' Dokument "**CY-5**" annessa mal-affidavit ta' missier ir-rikorrent Yidan Chen (Dok. "**C**").

7. Illi fit-28 ta' Gunju 2013 inhareg ukoll ic-Certifikat ufficjali mahrug mir-Registration of Persons Office, Immigration Department ta' Hong Kong li jirrigwarda r-rikorrent minuri. Dan ic-certifikat juri car illi l-isem Yuyu Simon gie hekk ufficjalment irregistrat b' effett mis-6 ta' Marzu 2013. Illi dan id-dokument ukoll saret riferenza ghalih fl-affidavit ta' missier ir-rikorrent, Yidan Chen, immarkat bhala Dok "CY-6"

8. Illi sussegwentement ukoll inharget il-karta ta' l-identita' favur ir-rikorrent mill-awtoritajiet ta' Hong Kong ghall-persuna minn tmintax il-sena l-fuq, bl-isem Yuyu Simon Chen skond kif jidher minn kopja awtentika tal-istess annessa u mmarkata bhala

Dokument "**I**". Dan jidher ukoll fil-karta ta' l-identita' tieghu mahruga mill-awtoritajiet ta' Macao u valida sat-18 ta' Awissu 2022 skond kif jidher minn kopja awtentika tal-istess annessa u mmarkata bhala Dokument "**J**". Dan jidher ukoll mill-passaport ta' Macao li jiskadi fid-19 ta' Jannar 2023 skond kif jidher minn kopja awtentika tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**K**".

9. Illi fl-1 ta' Awissu 2018 ir-rikorrent, bhala minuri dipendenti ta' ommu bhala l-applikant principali, ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**L**".

10. Illi l-fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Yinxian Chen" minkejja illi r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni bl-isem li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Yuyu Simon Chen", kif jirrizulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni diga giet inkorporata u esebita bhala Dok.,"**YSC-5'** annessa mal-affidavit tar-rikorrent Dok. "**B**".

11. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, ir-rikorrent kien applika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid tieghu jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta'

hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrent ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija u l-passaport Malti.

12. Illi ghalkemm ir-rikorrent kien ghall-ewwel ipprova japplika tramite Deloitte Malta, bhala s-Service Provider, li hadu hsieb il-process ghan-nom tar-rikorrent ghal ksib ta' Cittadinanza Maltija, ghal tali registrazzjoni, bil-fuq imsemmi isem shih li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Yuyu Simon Chen", skond kif spjegat minn Jonathan Galea, bhala Senior Manager for Immigration Affairs mal-istess Deloitte Malta fl-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dokument '**M',** l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku kien irrifjuta li l-applikazzjoni ssir f'dak l-isem, billi baqa' jinsisti illi r-registrazzjoni kellha bilfors issir *ad litteram* skont kif isem ir-rikorrent kien imnizzel fic-Certifikat tat-Twelid originali tieghu kif mahrug mill-Awtoritajiet Ciniz. Difatti r-rikorrent ma kellu l-ebda ghazla ohra hlief li jissottometti applikazzjoni bl-isem "Yinxian Chen" skont kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**Annex A"** mal-affidavit ta' Jonathan Galea, immarkat bhala '**M';**

13. Illi in segwitu ghal dina l-applikazzjoni, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrent fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 4782, skont ic-Certifikat tal-istess Att tat-Twelid mahrug mill-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 hawn anness u immarkat bħala Dokument "**N**", fejn isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala "Yinxian" bhala isem u kunjom "Chen" li saret ukoll riferenza ghalih fl-affidavit tar-rikorrent;

14. Illi l-isem tar-rikorrent fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid fil-fatt ma jirriflettix l-isem li bih huwa kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u cioe' dak ta' "Yuyu Simon".

15. Illi oltre dan, il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu tinsab annessa bhala dokument **"YSC-7"** mal-affidavit tar-rikorrent ("Dok. B"), li gie mahrug sussegwentement a favur tar-rikorrent mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, jindika erronjament l-isem ir-rikorrent bhala "Yuyu Chen". Ghalkemm kontrarjament ghac-certifikat tat-twelid Malti mahrug fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 4782, fil-kaz tal-passaport gie registrat l-isem ta' Yuyu, dan l-istess dokument ma jirriflettix l-isem attwali ta' "Yuyu Simon" li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf u imsejjah u kif dan l-isem huwa imnizzel fid-diversi dokumenti esibiti mahruga f'Hong Kong.

16. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Yuyu Simon", b'liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex "Yinxian" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4782.

17. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi jigi emendat l-Att tat-Twelid tieghu kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4782, sabiex jirrifletti l-isem li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah u cioe' dak ta' "Yuyu Simon".

18. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4782 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018, billi l-isem "Yuyu" jigi registrat fl-istess Att tat-Twelid bhala l-ewwel isem tieghu minflok l-isem Yinxian, u jigi registrat ukoll fl-istess Att tat-Twelid l-isem ta' Simon bhala t-tieni isem tieghu, u cioe' wara l-isem l-iehor "Yuyu", u dana sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Yuyu Simon" bhala isem u "Chen" bhala kunjom; u konsegwentement

2 Tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u reġistrazzjoni relattiva jiġi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat ċivili iehor relattiv għall-istess rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat illi minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, għandu jingħad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li hu mhux edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax kemm mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrent kif ukoll mill-Att ta' Twelid tar-rikorrent, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1', li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 4782 tas-sena 2018, li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi l-esponent irreġistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti wara talba, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 2', magħmula taħt l-**Artikolu 244 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta, illi speċifikament jippermetti illi jiġi reġistrat Att tat-Twelid esteru u mhux dokumenti uffiċjali. Għaldaqstant, l-esponent ottempora ruħu mal-liġi u rreġistra l-Att ta' Twelid abbażi tal-Att tat-Twelid esteru li ġie pprovdut lilu, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 3', u t-traduzzjoni tal-istess Att, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 4'. Tali reġistrazzjoni għandha issir *ad verbatim*, u stante li l-Att tat-Twelid esteru juri li l-isem tar-

rikorrenti kien dak ta' 'Yinxian' li nbiddel fl-isem 'Yuyu' u mhux 'Yuyu Simon', l-esponent ma kellux għażla oħra ħlief li jagħmel din ir-reġistrazzjoni bl-isem li jinsab fuq l-Att tat-Twelid esteru, liem Att jinkludi wkoll iċ-ċertifikati nutarili. Inoltre, flimkien mat-talba premessa, id-Direttur intimat ġie fornut ukoll b'dikjarazzjoni mit-Taqsima taċ-Ċittadinanza li tikkonferma li r-rikorrent huwa ċittadin Malti, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 5';

6. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi riferibbilment għat-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll sabiex il-bdil effetwat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent jiġi rifless ukoll f'kull att tal-iStat Ċivili ieħor relattiv għar-rikorrent. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi illi l-isem tar-rikorrent jiġi jinqara bħala 'Yuyu Simon' fl-Att ta' Twelid tiegħu, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun jistgħa jsir tibdil fi kwalunkwe Att tal-iStat Ċivili ieħor, **ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti** billi jirreferi għan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

8. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'.

Rat illi fil-verbal tallum stess, id-Direttur intimat irtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni datata 16 ta' April 2021;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Gunju, 2021 ir-rikorrenti ddikjara li ma joggezzjonax li jhallas l-ispejjez;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat, partikolarment rat l-affidavit tal-istess rikorrent li fih jikkonferma illi ismu huwa Yuyu Simon Chen u dan huwa rikonoxxut ukoll mir-Repubblika tac-Cina;

Rat id-diversa dokumentazzjoni mahruga mir-Repubblika tac-Cina li lkoll tindika l-isem u l-kunjom bhala Yuyu Simon Chen;

Rat ukoll l-affidavits ta' omm u missier ir-rikorrent li wkoll jikkonfermaw illi r-rikorrent ilu maghruf bl-isem Yuyu Simon Chen u mhux bl-isem indikat fuq ic-certifikat tat-twelid mahrug mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, dokument DRP1 mar-risposta guramentata li juri l-isem 'Yinxian'.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti kollha fl-atti, tqis li t-talba tar-rikorrenti hija gjustifikata u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1 Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dawk hawn deciz.

2 Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li l-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 4782 tas-sena 2018 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fit-3 ta' Awissu 2018 jigi korrett billi l-isem "Yuyu" jigi registrat fl-istess Att tat-Twelid bhala l-ewwel isem tieghu minflok l-isem 'Yinxian', u jigi registrat ukoll fl-istess Att tat-Twelid l-isem ta' 'Simon' bhala t-tieni isem tieghu, u cioe' wara l-isem l-iehor 'Yuyu', u dan sabiex b'hekk, u b'rispett shih tal-mod li bih ir-rikorrenti kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Yuyu Simon" bhala isem u "Chen" bhala kunjom;

3 Tilqa' t-tieni talba kif dedotta u tordna illi jiġi mdaħħal annotament fil-marġini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili;

4 Tilqa' t-tielet talba limitatament biss ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Gunju, 2021**